

## ATTI OĦRAJN

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2011/C 273/07)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 <sup>(1)</sup>. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

## DOKUMENT UNIKU

## IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

“ΦΑΣΟΛΙΑ ΒΑΝΙΛΙΕΣ ΦΕΝΕΟΥ” (FASOLIA VANILIES FENEOU)

Nru KE: EL-PGI-0005-0839-21.12.2010

IĠP ( X ) DPO ( )

## 1. Isem:

“Φασόλια Βανιλίες Φενεού” (Fasolia Vanilies Feneou)

## 2. Stat Membru jew pajjiż terz:

Il-Greċja

## 3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:

## 3.1. Tip ta' prodott:

Klassi 1.6. Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati

## 3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f(1):

Il-“Fasolia Vanilies Feneou” hija fażola bil-qoxra mnixxa li ġejja minn popolazzjoni lokali tal-ispeċi tal-legum *Phaseolus vulgaris*.

Karatteristiċi fiżiċi: il-fażola hija bajda, b'għamla ovali u ċekjkna ħafna – 1 000 żerriegħa jiżnu bejn 270 u 280 g hekk kif dan jikklassifikaha bħala varjetà b'żerriegħa ċekjkna, u għandha qoxra rqiqa

Il-“Fasolia Vanilies Feneou” hija sors ta' proteina (mill-anqas 18 %). Il-karatteristiċi kimiċi li jagħmlu differenza bejn il-Fasolia Vanilies Feneou u l-fażola l-oħra fis-suq huma:

S/N	Parametru	Fasolia Vanilies Feneou	Fażola oħra (tal-ispeċi <i>Phaseolus vulgaris</i> )	Konklużjonijiet
1.	Fibri djetetiċi	27,9-29,9 % w/w	13,2 % w/w	sa 54,4 % aktar ta' fibra djetetika

(1) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

S/N	Parametru	Fasolia Vanilies Feneou	Fażola oħra (tal-ispeċi Phaseolus vulgaris)	Konklużjonijiet
2.	Xaħmijiet	1,7-1,9 % w/w	2-2,5 % w/w	sa 10 % anqas xaħam
3.	Valur ta' enerġija	225-233 kcal/100 g	296 kcal/100 g	b'anqas kaloriji
		955-963 kJ/100 g	1 236 kJ/100 g	
4.	Kalċju	2 970-2 988 mg/kg	1 312 mg/kg	sa 56 % aktar kalċju
5.	Sodju	97,1-98,1 mg/kg	354 mg/kg	kontenut b'anqas melħ
6.	Rmied	3,9-4,1 % w/w	4,4 % w/w	kontenut b'anqas rmied

Il-"Fasolia Vanilies Feneou" għandha karatteristiċi organolettiċi li jiddistingwuha minn fażola oħra u li jagħmluha tappella b'mod speċjali għall-konsumaturi. Dan minħabba t-togħma ħelwa tagħha, il-fatt li tissajjar malajr u ma tiddizintegrax – meta titgħalla fl-ilma tkun tenera minn ġewwa iżda l-qoxra tibqa' intatta.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss):*

—

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss):*

—

3.5. *Stadji speċifiċi fil-produzzjoni li għandhom iseħħu fiż-żona ġeografika definita:*

L-istadji kollha tal-proċess tal-produzzjoni mill-kultivazzjoni (it-tħejjija tal-art, l-applikazzjoni tal-fertilizzant, iż-żriegħ, it-tisqija, it-tneħħija tal-ħaxix ħażin, il-protezzjoni tal-pjanta) sal-ħsad, it-tnixxif u t-tqaxxir tal-prodott għandhom isiru fiż-żona ġeografika definita.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigh, it-thakkik, l-ippakkjar, eċc.:*

—

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar:*

L-ippakkjar għandu jkollu l-isem "ΦΑΣΟΛΙΑ ΒΑΝΙΛΙΕΣ ΦΕΝΕΟΥ" Π.Γ.Ε. ("Fasolia Vanilies Feneou" IĠP), u kwalunkwe indikazzjoni oħra preskritta minn liġi nazzjonali jew Komunitarja.

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika:**

Iż-żona ġeografika definita tal-produzzjoni tal-"Fasolia Vanilies Feneou" hija l-Muniċipalità kollha ta' Feneos, fil-Prefettura ta' Korintufir-reġjun Peloponnesse.

Iż-żona ta' Feneos fejn titkabbar il-fażola hija pjanura magħluqa b'żona totali kkultivata ta' 47 100 stremmas (4 710 ettari), protetti mill-muntanji: Helmos – Dourdouvana, Killini, Oliyrtos – Saítas. Il-baċir magħluq ta' Feneos (lag artifiċjali) huwa karatteristika speċifika tal-Peloponnesse; huwa mdawwar minn foresta taż-żnuber u l-pin li testendi 'l-isfel san-naħa tal-lag. Dan l-ambjent speċifiku u uniku tal-muntanji koperti minn foresti ta' madwar il-plateau ta' Feneos, flimkien mal-Lag artifiċjali Doxa, jgħin biex tinħoloq mikroklima li tkun tajba għall-kultivazzjoni ta' prodott ta' kwalità mill-aqwa.

5. **Rabta maż-żona ġeografika:**

5.1. *Speċifità taż-żona ġeografika:*

Η α μ ρ ι α

Il-ħamrija hija fonda u fertili. Il-biċċa l-kbira tagħha magħmula minn ramel bit-tafal sa tafal ramli u żżomm ħafna ilma. Hija rikka fil-kalċju u l-fosforu iżda għandha kontenut baxx ta' potassju

u manjeżju. Il-maġġoranza ta' din il-ħamrija hija kemmxejn aċiduża ( $\text{pH} < 7$ ). L-art li fuqha titkabbar il-“Fasolia Vanilies Feneou” hija l-qiegħ tal-Lag antik Doxa, li kien lag naturali u li żamm l-umdità relattiva tiegħu. Dawn il-fatturi kollha huma favorevoli għall-kultivazzjoni tal-“Fasolia Vanilies Feneou”.

#### Klima

B'mod ġenerali, iż-żona għandha klima kontinentali bi xtiewi kesħin u sjufr friski. Madanakollu, minħabba li l-muntanji ta' madwar il-plateau ta' Feneos huma koperti b'mod estensiv b'foresta, il-klima hija anqas ħarxa bi xtiewi b'aktar xita u sjufr aktar friski. It-temperaturi medji fix-xahar huma ta' 28,8 °C (massimu) u 0,6 °C (minimu), filwaqt li t-temperatura medja annwali hija ta' 12,8 °C.

Il-preżenza tal-Lag Doxa tikkontribwixxi wkoll għat-temp moderat taż-żona fir-rebbiegħa. L-ammont medju annwali ta' xita huwa ta' 600 millimetru. Il-fażola tħobb ħafna l-ilma u t-temperaturi favorevoli flimkien mal-umdità relattiva jgħinu biex jinħolqu kundizzjonijiet eċċellenti biex din tikber fihom.

#### Fatturi umani

Huwa l-fattur uman. Li hekk kif dan jagħmel l-aqwa użu mill-ħamrija u mill-kundizzjonijiet klimatiċi fiż-żona ta' Feneos huwa wkoll kruċjali għall-produzzjoni ta' prodott ta' kwalità mill-aqwa u għar-reputazzjoni li din tgawdi barra mill-konfini tal-prefettura.

Il-metodi ta' tkabbir użati mill-produtturi ta' Feneos huma bbażati fuq snin ta' esperjenza u fuq it-tradizzjoni li ntirret minn ġenerazzjoni għall-oħra. Il-metodi jikkonsistu f'operazzjonijiet manwali, miż-żriegħ sat-tnixxif u t-tqaxxir, l-użu minimu ta' pestiċidi u fertilizzanti kimiċi u l-għażla esklussiva taż-żrieragħ tal-“Fasolia Vanilies Feneou” mill-bdiewa nfushom biex jinżergħu fis-sena ta' wara biex tkun imħarsa l-purità tal-materjal tal-pjanta.

#### 5.2. Speċifità tal-prodott:

Il-“Fasolia Vanilies Feneou” ilha titkabbar b'mod sistematiku fiż-żona ta' Feneos mill-aħħar tas-seklu 19. Ilha titkabbar għal ħafna snin minħabba l-kwalitajiet speċjali distinti tagħha: hija żgħira ħafna, bajda, fażola b'dehra sabiħa tleqq, ovali u mhux f'forma ta' kliwi b'ħal bosta fażola oħra, b'qoxra rqiqa li tfisser li tissajjar aħjar u aktar malajr; il-fażola għandha togħma ħelwa u hija ferm nutrijenti.

L-isem lokali “Vanilia” ġie mogħti lill-fażola mill-bdiewa stess li jkabbru l-fażola biex jenfasizzaw il-kulur abjad u t-togħma ħelwa li tixbah lil dik tal-vanilla. Dawn il-karatteristiċi ta' kwalità speċifika jiddistingwu l-prodott minn fażola oħra u jagħmluha aktar popolari fis-suq.

#### 5.3. Rabta każwali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP):

Deskrizzjoni tar-rabta bejn il-kwalità tal-prodott u ż-żona ġeografika definita

Il-karatteristiċi tal-“Fasolia Vanilies Feneou” huma marbuta mal-klima u l-ħamrija taż-żona u mal-użu tal-materjal tal-pjanta li huwa adattat għall-ambjent lokali.

Peress li l-“Fasolia Vanilies Feneou” tadatta tajjeb ħafna għall-klima kontinentali taż-żona u l-kundizzjonijiet tal-ħamrija tagħha, tikber tajjeb fiż-żona. Il-ħamrija, immnixfa sew u kemmxejn aċiduża b'ħala medja, flimkien max-xtiewi li huma relattivament moderati u mxarrba bi sjufr friski għandha effett kruċjali fuq il-kwalità tal-prodott, li jipproduċi żrieragħ leqqiena b'qoxra rqiqa u laħma ratba. Dawn il-kundizzjonijiet jipproduċu fażola b'kapaċità għolja li tassorbi l-ilma, kontenut baxx ta' rmied u karatteristiċi organolettiċi aħjar, b'ħat-togħma speċjali ħelwa tagħha u l-fatt li tissajjar sewwa.

Barra minn hekk, l-ambjent naturali uniku taż-żona, bil-muntanji li jipproteġu l-pjanura ta' Feneos mill-irjeh qawwija, il-Lag artifiċjali Doxa, u l-foresta taż-żnuber u l-pin li jdawruha u li testendi san-naħa tal-lag, għandu rwol kruċjali biex joħloq il-kundizzjonijiet ideali biex fihom titkabbar din il-fażola u li tagħmilha differenti minn tipi simili ta' fażola li titkabbar x'imkien ieħor.

Il-metodi ta' tkabbir li ilhom jintużaw mill-bdiewa lokali għal aktar minn 100 sena, flimkien mal-ħamrija u kundizzjonijiet klimatiċi u ambjentali favorevoli jikkontribwixxu għall-karatteristiċi speċifiċi tal-prodott. It-tekniki tal-kultivazzjoni ta' dawk li jkabbru l-fażola huma l-istess bħal dawk li kienu jużaw l-antenati tagħhom, u l-biċċa l-kbira tax-xogħol, bħall-għażiq, il-ħsad, l-għażla u l-ippakkjar, anke llum għadhom isiru bl-idejn, b'riżultat li l-prodott għandu dehra sabiħa u forma uniformi, ħielsa minn materja barranija u żrieragħ mhux fqaghda tajba. L-użu minimu ta' pestiċidi u fertilizzanti kimiċi, li jbaxxu l-kwalità tal-prodott, u l-għażla bir-reqqa taż-żrieragħ għall-għelejjel tas-sena ta' wara sabiex tkun inharsa l-purità tal-ispeċi lokali tal-"Fasolia Vanilies Feneou" jirriżulta fi prodott ta' kwalità superjuri.

Ir-rabta mill-qrib li teżisti bejn il-prodott u ż-żona ġeografika definita, kif ukoll il-kultivazzjoni ta' dan il-prodott li hija ferm lokalizzata fuq il-plateau ta' Feneou saret evidenti minħabba tentattivi repetuti biex dan il-prodott jitkabbar fiż-żoni ġirien li fihom titkabbar il-fażola. Dawn it-tentattivi ma rnexxewx – il-kwalità tal-fażola mkabbra barra miż-żona ġeografika definita hija evidentement aktar baxxa, b'mod partikolari fir-rigward tad-dehra, il-finezza tal-qoxra u t-togħma.

Deskrizzjoni tar-rabta bejn ir-reputazzjoni tal-prodott u ż-żona ġeografika definita

Referenzi fpubblikazzjoni f'żewġ volumi minn Vassilios Sarlis dwar il-folklor ta' Feneos jagħtu xhieda tal-importanza ta' dan il-prodott u r-reputazzjoni tiegħu bħala l-fażola bl-aqwa togħma. Fil-mitoloġija Griega, l-alla mara Demeter irregalat il-legumi lill-abitanti ta' Feneos minħabba li dawn laqgħuha meta din kienet qed tftitx lill bintha Peresphone, li kienet inħatfet minn Ħades. Ħades ipprova jkaxkarha 'lifel fid-Dinja ta' taħt l-art mill-abissi tal-Lag Feneos. L-abitanti ta' Feneos għaldaqstant kienu l-ewwel li bdew jieklu l-legumi u forsi din hija r-raġuni għaliex il-fażola tagħhom saret famuża bħala l-fażola bl-aqwa togħma. Jisemma wkoll li l-fażola hija l-aktar legum ikkonstatat, wara l-għads u ċ-ċiċri.

Il-kultivazzjoni sistematika tal-fażola fiż-żona bdiet lejn tmiem is-seklu 19, meta nixfu l-ilmijiet tal-Lag Feneos. Ir-reputazzjoni tal-prodott u r-rabta mill-qrib maż-żona ta' Feneos hija dokumentata permezz ta' dan li ġej:

Dokument maħruġ mill-Qorti Ċivili tal-Prim'Istanza ta' Feneos, bid-data tal-25 ta' Marzu 1910, fir-rigward tal-pagament ta' kumpens minn raħħal lill-persuna li kienet tkabbar il-fażola minħabba li l-animali tar-raħħal kienu għamlu ħsara lill-wiċċ tar-raba' bil-fażola.

Riċerka li saret minn Panos Dimitrios (PhD) dwar il-kultivazzjoni intensiva tal-"Fasolia Vanilies Feneou" fiż-żona matul is-snin 50.

Minħabba l-importanza ta' dan il-legum fiż-żona u għall-fatt li l-fama tiegħu infirxet ma' kullimkien, sa mill-1980, kull sena, f'Ottubru, isir Festival tal-Fażola (Fasolada) fir-raħħal ta' Steno (meta jsir il-ħsad tal-"Fasolia Vanilies Feneou"), liema festival kien ikklassifikat bħala attrazzjoni turistika mill-gazzetta "Eleftheros Tipos".

Dejta tal-Awtorità Statistika Ellenika li fiha dokumentazzjoni tal-kultivazzjoni kontinwa tal-"Fasolia Vanilies Feneou" mill-1993 sal-2003.

Spezzjonijiet imwettqa mid-Direttorat tal-Agricoltura tal-Awtorità tat-Territorju ta' Korintu fil-kuntest tal-Benefiċċju Kumpensatorju u Skemi ta' Pagament Uniku jiddikjaraw li l-"Fasolia Vanilies Feneou" ilha titkabbar fiż-żona b'mod tradizzjonali għal bosta snin u hija ta' kwalità eċċezzjonali.

Persuna li żaret iż-żona semmiet kif assoċjat il-pjanura ta' Feneos u l-"Fasolia Vanilies Feneou" delizzjużamaż-żminijiet tat-tfulija tagħha.

Il-famuża Fasolia Feneou ssemmiet f'żewġ edizzjonijiet tal-gazzetta "Kathimerini" (l-24 ta' Ottubru 2006 u s-17 Novembru 2007).

Il-“fasolada” tradizzjonali (soppa tal-fażola) magħmula mill-Fasolia Feneou dehret f’xi edizzjonijiet tal-gazzetta *Ta Nea* (is-16 ta’ Frar 2007) u fil-gazzetta “Eleftheros Tipos” (l-4 ta’ Ottubru 2008).

Fil-programm televiżiv “Boukia kai Sinkhorio” ta’ Ilias Mamalakis, it-telespettaturi ġew murija kif issir il-“Boulia (Polispori) Feneos bl-użu tal-Boulia (Polispori) Feneos” tipikament “bajda” bħala waħda mill-ingredjenti.

Il-“Fasolia Vanilies Feneou” dehret f’żewġ edizzjonijiet ta’ “Menoume Ellada” fuq it-televiżjoni tal-Istat (f’Ottubru 2006 u 2007) u fuq ET3 fi Frar 2009.

Il-“Fasolia Vanilies Feneou” hija ferm stmata mhux biss mill-konsumaturi iżda anke mill-produtturi, peress li ġġib prezz li jista’ jkun sa 75 % aktar għoli minn dak ta’ fażola oħra li l-isem tagħha mhuwiex protett.

Fil-qosor, id-dejta storika u biblijografika, l-artikli fil-gazzetti lokali u internazzjonali, ix-xandiriet permezz tal-midja u l-materjal li jinstab fuq l-internet (Wikipedia, eċċ.), l-aktar dak marbut mal-gastro-nomija u t-turiżmu, jikkonfermaw ir-reputazzjoni tal-“Fasolia Vanilies Feneou”, li hija marbuta b’mod inseparabbli mal-kwalitajiet speċifiċi tagħha.

### **Referenza tal-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

[http://www.minagric.gr/greek/data/PROD\\_FASOLIA\\_VANILIES\\_FENEOU.pdf](http://www.minagric.gr/greek/data/PROD_FASOLIA_VANILIES_FENEOU.pdf)

---